MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Numru 163/2007

Il-Pulizija
(Spettur Johann J Fenech)

vs

Joseph Zahra

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Joseph Zahra detentur ta' karta ta' identita' numru 293553(M), akkuzat talli fl-24 ta' Frar 2007 ghal habta tal-10:00 a.m. fl-Ghassa ta' Birzebbugia:

1. harab mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tieghu;
2. ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq l-Ispettur Johann J Fenech, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li

kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. ma obbdiex l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita' jew ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod iehor bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi;
4. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data f'Birzebbugia f'hinijiet differenti saq vettura tal-ghamla Fiat Punto ta' lewn ahdar bin-numru ta' registrazzjoni HAS801 b'giri aktar milli jmissu u b'maniera traskurata u perikoluza;

Ukoll talli sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena stabbilita' tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda kompriz tal-imputat minn jeddu u bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat ghandhom sfond precedenti l-gurnata tal-24 ta' Frar ta' din is-sena meta l-imputat mar l-ghassa tal-Pulizija ta' Birzebbugia u hemmhekk gie infurmat mill-Ispettur illi kien taht stat ta' arrest u kienu ser jittiehdu passi kontra tieghu talli kien kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest. Jirrizulta fil-fatt li l-imputat kellu kundizzjoni marbuta mal-helsien mill-arrest tieghu imposta

fuqu minn din il-Qorti diversament preseduta li kienet rabtitu li jibqa' rijinkazat f'daru tul il-kors ta' dawk il-proceduri u kontempranjament f'proceduri ohra li kienu gia' pendenti kellu l-obbligu li jiffirma tlett darbiet l-ghassa ta' Birzebbugia. Kien hemm ukoll sentenza ta' habs li jumejn qabel kienet giet reza esegwibbli billi l-appell, fuq nuqqas ta' dehra tieghu fl-appell intavolat minnu stess, kien spicca 'dezert' u ghal liema l-imputat kien istruwixxa avukat biex il-kawza targa titpogga fuq il-lista tal-kawzi.

Illi dan qieghed jinghad aktar mill-lat ta' mitigazzjoni ta' piena milli ghar-responsabbilita' tal-imputat ghall-akkuzi kontrih dedotti li hlief ghall-akkuza enumerata numru erba' ghandhom jirrizultaw bhala li gew pruvati kontra tieghu.

Difatti ghar-reat dedott fl-ewwel akkuza ipotizzata taht l-Artikolu 151 tal-Kap 9, din tirrizulta mill-fatti esposti u pruvati mill-prosekuzzjoni. Il-harba klassifikata bhala 'semplici' hija inerenti fl-atteggjament tal-imputat li fil-hin li dahal fil-vettura tieghu u saq l'hemm minghajr ma ppermetta lill-pulizija skorta li jakkumpanjah jikkostitwixxi r-reat in kwistjoni b'dan illi l-offiza kontravenzjonali ipotizzata fit-tielet paragrafu tac-citazzjoni tista' tigi konsidrata assorbita f'dan ir-reat.

Illi nkwantu ghat-tieni offiza ipotizzata taht l-Artikolu 95 tal-Kap 9 il-kliem rivolti mill-imputat lill-Ispettur jikkostitwixxu, fil-fehma taghha, theddida velata li ghandha pero' taqa' taht il-kappa ta' kontravenzjoni.

Illi l-Qorti hi wkoll sodisfatta mill-provi in atti li jirrizultaw bhala sodisfacjentement pruvati l-akkuzi li jirreferu ghas-sewqan traskurat u fir-rigward ir-recidiva.

Tiddeciedi ghalhekk li ssib l-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet (assorbita fl-ewwel), il-hames u s-sitt akkuza u wara li rat l-Artikolu 151, 95, 338(ee), 49, 50, 31 u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 15 tal-Kap 65 tiddeciedi li filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra, tikkundannah sitt xhur prigunerija komplessivament bin-nuqqas taz-zmien li l-imputat gia' ghamel taht arrest preventiv. Torbtu b'obbligazzjoni taht l-Artikolu 383 tal-Kap 9 li ma

jimmolestax jew ikellem lill-Ispettur Johann Fenech ghall-perjodu ta’ sena mill-lum taht penali ta’ mitt Lira.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------